MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 950/2002/1

**Spiridione u Antoinette**
**konjugi Falzon**

**Vs**

**Chiswick House School u**
**Co-Op Services Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu l-ammont ta’ Lm1,400.00c (elf u erba’ mitt lira Maltin) “jew somma verjuri rappresentanti telf ta’ introjtu u qliegh b’segwitu tat-terminazzjoni tal-attur milli jopera t-trasport tat-tfal mill-Mellieha ghal San Gwann, minghajr raguni valida fil-ligi”.

Ra r-Risposta ta’ Chiswick House School fejn gie notat li t-talba hija indirizzata hazin billi Chiswick House School mhix entita guridika; u li minghajr pregudizzu Chiswick House Schoool ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika

mal-atturi u li minghajr pegudizzju t-talbiet huma nfondati ghaliex kien hemm ragunijiet validi u serji ghalfejn saret it-terminazzjoni in kwistjoni.

Is-socjeta' Co-Op Services Limited eccepiet li t-Tribunal mhux kompetenti biex jisma' u jaqta u jiddeciedi t-talbiet attrici "ratione materiae" stante li sabiex din it-Tribunal ikun jista' jammetti t-talbiet attrici kif dedotti jehtieg li fl-ewwel lok, tintalab u tigi ottentuta dikjarazzjoni li x-xoghol tal-atturi twaqqaf minghajr raguni valida fil-ligi.

Eccepiet ukoll l-inkompetenza ratione valoris stante li l-valur tal-kuntratt huwa wiehed incert u bhala kuntrat innifsu huwa iktar mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Illi Chiswick House School mhix entita guridika u ghalhekk ma tistax toqghod in gudizzju.

Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dirtt ghaliex is-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghat-telf ta' introjtu u qliegh lamentat mill-atturi.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li skond Antoinette Falzon  l-atturi ghal zmien kienu jwaslu t-tfal tal-iskola ta' Chiswick House School mill-Mellieha u lura mill-iskola. Illi dan ix-xoghol gie terminat minn Joe Barbuto ghan-nom tas-socjeta' Co-Op Services Ltd fit-8 ta' Marzu 2002. Antoinette Falzon qalet li l-atturi kienu jaqilghu Lm18.00c (tmintax il-lira Maltin) kuljum ghas-servizz li kienu jaghtu.  L-attrici qalet li kienu jahdmu sa Gunju kull sena.

Fil-kontro-ezami l-attrici qalet li bhala spejjez kien hemm xi Lm2.00c (zewg liri Maltin) kuljum oltre spejjez ta' hsarat, tyres, punctures.

L-attur qal li kienu "t-teachers tal-iskola Chiswick House" li qalulu biex ma jkomplix.

L-attur qal li ma kienx mar quddiem il-Board ta' sorveljanza tas-socjeta' Co-Op Services Ltd.  Fil-kontro-

ezami l-attur qal li “xi hadd li jigi taht is-sur Bartolo qalli biex ma nkomplix. Barbuto ukoll qalli biex ma nkomplix. Nghid li lili ma kellmunix tal-iskola biex iwaqfuni”.

Sema’ x-xhieda ta’ Monica Cachia li qalet li tahdem bhala administration assistant ma’ Chiswick House School. Monica Cachia qalet li kien hemm ilmenti dwar l-atturi mill-genituri. Kien hemm diversi telefonati kif ukoll ittri li gew esebiti.

Xehdet ukoll Bernie Mizzi, principal ta’ Chiswick House School li qalet li kien hemm ilmenti mill-genituri dwar l-atturi. Bernie Mizzi qalet li l-iskola hi operata minn socjeta’ li jisimha M&M Ltd. M&M Ltd kienu jircievu l-kontijiet mis-socjeta’ konvenuta u mhux mill-atturi. M&M Ltd kienet thallas lis-socjeta’ konvenuta Co-Op Services Limited.

Xehed Joe Barbuto li qal li l-atturi kienu membri fil-ko-operativa. Co-Op Services Limited kellha kuntratt li tipprovdi t-trasport ghal Chiswick House. Joe Barbuto esebixxa kopji tal-ilmenti li kien hemm dwar l-atturi. Dawn kienu dwar il-hin, dwar allegat overspeeding u dwar safety tat-tfal. Kien hemm ukoll ilmenti verbali. Joe Barbuto kkonferma li huwa waqqaf lil atturi fid-9 ta’ Marzu, 2002.

Xi xahar wara li ttermina x-xoghol tal-atturi hu ta rotta gdida lil attrici Antoinette Falzon. Dan kien fil-24 ta’April, 2002 sa l-ahhar ta’ Gunju 2002. Joe Barbuto ghalhekk qal li l-atturi kienu bla xoghol ghal disa t’ijiem f’Marzu u ghal hmistax il-gurntata f’April. Joe Barbuto qal li fuq ordni ta’ Chiswick zamm lil atturi milli jkomplu jahdmu. Ghax-xoghol gdid l-atturi kienu jithallsu Lm5.75c (hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu) darbtejn kuljum.

L-ewwel eccezzjoni ta’ Chiswick House School hi gustifikata. Chiswick House School mhix entita guridika u ghalhekk it-Tribunal mhux se jikkunsidra t-talba attrici fil-konfront ta’ Chiswick House School.

Illi t-tieni eccezzjoni ta’ Co-Op Services Ltd huwa dwar kompetenza “ratione materiae”.

Illi skond l-ligi t-Tribunal ghandu  gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn Lm1,500.00c (elf u hames mitt lira Maltin).

Illi sabiex jasal ghad-decizjoni dwar talba ghal ammont ta' flus it-Tribunal ghandu bilfors jara jekk l-ammont huwa dovut. Illi f'dan il-kaz l-atturi qed jitolbu Lm1,400.00c (elf u erba' mitt lira Maltin). Is-socjeta' Co-Op Services Limited qed tghid li l-atturi kellhom l-ewwel jitolbu decizjoni li x-xoghol tal-atturi twaqqaf minghajr raguni valida fil-ligi. Illi t-Tribunal ghandu l-kompetenza biex jiddeciedi jekk l-ammont huwa dovut u biex jasal ghal din id-decizjoni jista jara jekk mill-fatti li gew presentati f'din il-kawza l-ammont hux dovut jew le. Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad t-tieni eccezzjoni dwar nuqqas ta' kompetenza "ratione materiae".

Illi t-tielet eccezzjoni huwa dwar inkompetenza ratione valoris stante li l-valur tal-kuntratt huwa wiehed incert u fir-realta bhala kuntratt innifsu, huwa izjed mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Skond Antoinette Falzon l-atturi kienu jaghmlu dan ix-xoghol ghal "l-ahhar erba' jew sitt snin". Illi skond l-atturi t-telf ta' introjtu u qliegh li talbu huwa risultanti mit-terminazzjoni li saret mill-konvenuti. Illi ghalhekk l-atturi qieghdin jghidu li kellhom ftehim indeterminat.  Illi ghalhekk it-Tribunal jaqbel li l-valur tal-kuntratt huwa incert. Il-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta' l-attur imma tista' tiddependi wkoll fejn ikun il-kaz mill-eccezzjoni tal-konvenut. (ara Vol. XXVIC ii 254). F'kaz bhal dawn il-kompetenza hija finalment determinat mill-indoli ta' l-obligazzjonijiet in relazzjoni ma' l-obbligat, li fil-kaz prezenti ma jistghux jittiehdu limitatament ghall-bilanc mitlub bhala sorte  (ghaliex l-atturi hassew li kien iktar konvenjenti ghalihom li jipprocedu quddiem it-Tribunal) imma hemm miftuha l-kwistjoni kollha dwar ix-xoghol, il-perjodu  tal-ftehim  u l-pagamenti. (Ara Brincat Vs Domestica (Appell Inferjuri  deciza 25/1/2002).

Ghalhekk, it-tribunal jiddeciedi billi jiddikjara li t-talba ta' l-atturi fil-konfront ta' Chiswick House School hija ndirizzata

hazin billi Chiswick House School mhix entita guridika; jilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' Co-Op Services Limited jiddikjara ruhu inkompetenti "ratione valoris" billi l-ezercizzju involut jezorbita mill-gurisdizzjoni tieghu.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz spejjez kontra bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------